



---

**0115/2016**

24.10.2016

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar mard respiratorju kroniku

**Alberto Cirio (PPE), Karin Kadenbach (S&D), Catherine Stihler (S&D), Katerina Konečná (GUE/NGL), Biljana Borzan (S&D), Eva Kaili (S&D), Piernicola Pedicini (EFDD), David Borrelli (EFDD), Damiano Zoffoli (S&D), Sirpa Pietikäinen (PPE), Nessa Childers (S&D), Cristian-Silviu Bușoi (PPE)**

Data ta' skadenza: 24.1.2017

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar mard respiratorju kroniku<sup>1</sup>**

1. L-allerġija respiratorja, l-ażma u l-mard pulmonari ostruttiu kroniku (COPD) huma fost l-aktar mard kroniku prevalent, li jaffettaw b'mod ħażin il-kwalità tal-ħajja tal-pazjenti, u jiswew aktar minn EUR 300 biljun fis-sena.
2. Biex jitnaqqas il-piż ekonomiku fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħha nazzjonali, u biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħha taċ-ċittadini, huwa meħtieġ li:
  - (a) tiżdied il-prevenzjoni u d-dijanjożi f'waqtha u preċiża billi:
    - jiġu miġġielda l-fatturi ta' riskju magħrufa bħat-tipjip u l-aspetti ambjentali;
    - tissahħħa l-edukazzjoni respiratorja għall-istudenti tal-mediċina u t-tobba tal-ewwel kura;
    - jiġu sistematizzati s-saħħha pulmonari u t-testijiet tal-allerġija bħala parti mill-kontrolli tas-saħħha b'xejn eżistenti għal dawk kollha li huma friskju li jiżviluppaw mard respiratorju kroniku;
  - (b) ikun żgurat aċċess lill-pazjenti kollha dijanostikati għal terapija avvanzata rimborżata skont il-linji gwida internazzjonali (ARIA, GINA, GOLD);
  - (c) tiġi garantita riabilitazzjoni (l-isptar jew b'mod ambulatorju) bl-użu ta' kwalunkwe intervent multidixxiplinari meħtieġ biex in-nies jibqgħu fid-dinja tax-xogħol u fi djarhom għall-itwal żmien possibbi.
3. Il-Kummissjoni hija mitluba tagħti spinta lir-riċerka dwar il-kawżi ta' mard respiratorju kroniku.
4. Il-Kummissjoni u l-Kunsill huma mħeġġa jaqsmu bejniethom l-aħjar prattiki u jistudjaw l-possibbiltà ta' strateġija komprensiva biex jegħlbu l-isfidi li jirriżultaw minn mard respiratorju kroniku.
5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tkun iffirmsata mill-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, din tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.